*F'Għeluq l-40 Sena mill-Mewt*

# PATRI MANWEL EBEJER

## Franġiskan Konventwal Żebbuġi li ħalla isem b'imħabbtu lejn il-Madonna tas-Saħħa

*minn Alexander Bonnici o.f.m. Conv.*



**JISTĦOQQLU LI MA NINSEWHX**

Meta jiena ġejt mitlub biex inkun wieħed mill-kontributuri tal-volum *Maltese Biographies of the Twentieth Century* stampat mill-*PIN* fil-1997, ħassejt li ma kelliex inħalli barra Żebbuġi li jiena kont nafu personalment. Hu laqat lil dawk ta' żmienu li kellhom xi kuntatt miegħu. Imma ma kellux xi personalità qawwija li timpressjona minnufih lil min jarah għall-ewwel darba. Għalkemm ma kienx jinqala' biex jippreżenta ruħu, hu kien saċerdot imħeġġeġ b'imħabba lejn Alla u lejn il-Madonna b'mod li l-imħabba tiegħu ma kenitx sentimentaliżmu, imma waħda li tidher fil-opri. Kien Franġiskan li kaxkar għal warajh lil ħafna oħrajn ta' kull età. Aħna l-bnedmin li ma narawx ħlief dak li jidher minn barra u dak li jgħaddulna ta' qabilna, ma niftakrux f'Patri Manwel ħlief għax narawh mitluf b'imħabba lejn il-Madonna tas-Saħħa, li kwadru għażiż tagħha hu meqjum fl-ewwel knisja Franġiskana ta' Malta li hi dik ta' San Franġisk tar-Rabat.

Għal din il-kitba jiena għamilt riċerka fir-reġistri tal-kunvent ta' San Franġisk tar-Rabat, fil-ġabriet ta' tagħrif li jinżamm dwar il-membri kollha tal-Franġiskani Koventwali, u anki fl-Atti tal-Kapitli Provinċjali. Imma, lil Patri Manwel, jiena niftakru personalment. Ma' dak li sibt, stajt inżid l-esperjenzi tiegħi. Nafu wkoll lil niesu u ltqajt ma' ħafna li lilu kienu jafuh. Għalhekk, sata' jinġabar ftit materjal dwaru.

Meta hu twieled f'Ħaż-Żebbuġ fil-21 ta' Mejju 1882, minn Karmenu u Marija (imwielda Piscopo), missieru u ommu fil-magħmudija tawh l-isem ta' Teodosju, u skond id-drawwa taż-żmien, miegħu żdiedu l-ismijiet li tawh il-parrini. dawn kienu Filippu u Marija. Kienu jsejħulu *"Dozju"*. F'żogħżitu, hu daħal fost il-Franġiskani Konventwali. L-ewwel professjoni tiegħu kient fil-10 ta' Marzu 1901. Meta, tliet snin wara hu għamel il-professjoni solenni, lilu bidlulu ismu f'dak ta' *Manwel.* Ġie kkonsagrat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1908.

**IS-SEMPLIĊITA' FRANĠISKANA**

Patri Manwel ma kienx sacerdot li s-superjuri tiegħu jitfgħu għajnejhom fuqu biex jafdawlu f'idejh ħidmiet ta' responsabbiltà kbira. Qatt ma kien il-Gwardjan (jew superjur) ta' xi komunità. Ma kienx jinqala' biex jipprietka. Ma kellux id-doni meħtieġa biex jentużjażma lill-poplu b'kelma ħajja. Leħnu kien wieħed dgħajef. B'diffikultà u fil-qrib tiegħu biss kont tifhem sewwa x'ried jgħidlek. Qatt ma kien ta' saħħa kbira. Imma kien ta' rieda qawwija. Mingħajr ma jagħti fil-għajn, meta hu ried jasal għal xi ħaġa, kien jaf min fejn kellu jgħaddi.

Ħaġa waħda ddominat tul ħajtu kollha. Hu kellu f'qalbu fjamma ta' mħabba lejn il-Madonna. Din l-Omm ħanina ta' Alla u tal-bnedmin kienet issaħħru taħt it-titlu partikulari: dak tal-*Madonna tas-Saħħa.* Hemm hu ħadem kif kien jnaf biex kabbar id-devozzjoni ċkejkna li kien hemm f'dawk il-knejjes lejn kwadru tal-Madonna tas-Saħħa.

Tħabat l-iżjed biex, waqt li jitkellem fuq il-Madonna, hu jxerred xi santi tagħha. Ġieli kienu santi ta' kwadru tal-Madonna tas-Saħħa, li qiegħed fl-Italja. Imma, imbagħad, is-superjuri tiegħu, bagħtuh ir-Rabat ta' Malta u minn hemm ma ċċaqlaqx iżjed.



**IĦOBB LIL RAĦAL TWELIDU**

Patri Manwel, baqa' jħobb lil Ħaż-Żebbuġ, fejn hu kien twieled u kellu niesu. Fil-familja tiegħu, hu trabba billi rawmuh biex ma tonqos qatt fih l-imħabba lejn San Filep, il-patrun tal-parroċċa. Għalkemm ma kienx wieħed li jintilef f'xi fanatiżmu, hu kien marbut l-iżjed mal-partit ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ. F'dak iż-żmien, il-Franġiskani Konventwali kienu jxiddu mantell iswed fuqhom fix-xhur kesħin ta' matul is-sena. Patri Manwel kien jitfa' dan il-mantell fuqu malli kienet tgħaddi l-festa tal-Madonna tas-Saħħa tar-Rabat, li kient u għadha tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Ottubru, u qatt ma kien jneħħih minn fuqu meta joħroġ barra sa żmien il-festa ta' San Filep, li f'awk is-snin kienu jiċċelebrawha fix-xahar ta' Mejju. Fina li konna nafuh, kien iqanqal kurjożità u tbissima l-fatt li waqt li f'Ħaż-Żebbuġ kien juri li jżomm ma' San Filep, fir-Rabat ta' Malta, fejn hemm il-partiti ta' San Pawl u San Ġużepp, Patri Manwel kien iżomm ma' San Ġużepp!

Fir-Rabat, Patri Manwel sar l-Appostlu tal-Madonna għal Malta kollha kemm hi. Hu kien qed jintebaħ li għalkemm kienu qed isiru bosta opri fil-knisja franġiskana tar-Rabat, id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Saħħa kienet tilfet ħafna mill-entużjażmu ta' l-imgħoddi. B'dak li Patri Manwel kien kapaċi jagħmel, aħna naraw kemm Alla jaf jinqeda biċ-ċkejknin biex jagħmel ħwejjeġ kbar. Għalkemm ma ċaqalquhx iżjed mill-kunvent tar-Rabat, il-ħidma tiegħu nfirxet ma' Malta kollha kemm hi.

**ISAĦĦAR LIT-TFAL**

Il-ħidma tiegħu kienet waħda fis-skiet imma bla serħan. Is-superjuri tiegħu kienu jfittxuh biex jaqdi xi uffiċċji ċkejknin li oħrajn ġie li sabuha diffiċli biex kien jagħmel xejn minn dak li soltu jentużjażmhom għax qatt ma kien sportiv u qatt ma kien itajjar in-nar. Imma lilhom kien jaf jurihom li jħobbhom. Kien iħobbhom billi jgħallimhom. Ma kienx jgħallimhom xi tagħlim profond għax għal dak ma kienx jinqala'. Imma kien jgħallimhom kif jitolbu. Kien jgħallimhom iħobbu lill-*Madonna tas-Saħħa*. Jekk kien jagħtihom xi rigal ċkejken, żgur li kien ikollu rabta mal-Madonna tas-Saħħa.

Sal-lum, għadna niltaqgħu ma' rġiel anzjani, li jkellmu lil xi wieħed mill-patrijiet ħutu ta' l-Ordni tal-Franġiskani Konventwali, u jgħidulhom: "Jien kont abbati fil-knisja tagħkom tar-Rabat. Patri Manwel kien jilqagħni fil-kunvent u bil-paċenzja kollha, kien joqgħod jgħallimni ngħin il-quddiesa". Kienet tkun bil-Latin. Ma kenitx ħaġa ħafifa għal tifel li jitgħallem bl-amment dak li ma jifhimx. Oħrajn jgħidulek li kienu joħorġu miegħu u jduru l-ibliet u l-irħula ta' Malta, u jħabbtu bieb biex ħalli jqassmu xi domni jew xi santi biex ixerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Saħħa.

**JAGĦTI ĦAJJA LILL-KONGREGAZZJONI TAL-MADONNA**

Fis-Santwarju ta' San Franġisk tar-Rabat, mill-1862 teżisti l-*Kongregazzjoni tal-Madonna tas-Saħħa.* Dawk li jinkitbu fiha jkollhom il-ħarsien tal-Madonna tul ħajjithom u, wara mewthom, ikollhom sehem minn tletin quddiesa li jsiru b'suffraġju għal Kongregati kollha. Patri Manwel kiteb ħafna fil-Kongregazzjoni. Kienu jinkitbu bi 12-il ċenteżmu u mbagħad b'25 ċenteżmu ta' żmienna. (Illum, b'50 ċenteżmu). F'dak iż-żmien ta' faqar, ħafna ma kenux iħallsu ħlief bin-nifs. Patri Manwel stampa l-formuli għall-Kongregat u fuqhom kien iniżżel id-dettalji kollha b'ittri ċkejknin li ma kenux ħfief biex jinqraw.

Meta l-patrijiet raw l-entużjażmu ta' Patri Manwel, lilu ħatruh bħala l-Moderatur ta' dik il-Kongregazzjoni. Ma' kull min kien jiltaqa' hu kien jitkellem dwar l-għajnuniet temporali u spirtwali li aħna nirċevu mingħand il-Madonna meta nafdaw fiha u nintelqu f'idejha. Il-Kongregati bdew ikunu bl-eluf. Kien iniżżel l-ismijiet tagħhom f'reġistru oħxon, imqassam skond l-ittri ta' l-alfabett. L-ewwel wieħed li nsibu fost dawk li kunjomhom jibda bl-ittra "E" hu l-isem tiegħu nnifsu. Hemm il-kelmiet *"Ebejer Piscopo Padre Emanuele, Filippo Maria, da casal Żebbuġ: Procuratore della Salute, Minore Conventuale".* Dawn il-kelmiet miktubin minnu nnifsu juru li hu ma kienx nesa lil San Filep u lil Ħaż-Żebbuġ. Hu jikkonferma li kien il-Prokuratur ta' dik il-Kongregazzjoni tal-Madonna, u baqa' hekk għal ħajtu kollha kemm hi.

**PELLEGRIN F'ISEM IL-MADONNA**

Dan il-Franġiskan li entużjażma ruħu mill-Madonna ma ngħalaqx bejn il-ħitan tal-kunvent tar-Rabat. Inkunu għidna ftit wisq jekk ngħidu li hu tkellem fuq il-Madonna ma' dawk li żaru s-santwarju tal-Madonna tas-Saħħa tar-Rabat. Hu ġera ma' kullimkien, anke meta beda jiddgħajjef f'saħħtu. Aktarx li ma kienx joħroġ mingħajr ma jkaxkar miegħu xi tifel. Ma kienx ikollu programmi ċari f'moħħu. Qatt ma kien jaf fejn kien se jitrejjaq f'nofs in-nhar. Imma qatt ma nafu li fittex xi ristoranti jew xi ħwienet biex imur jiekol fihom. Patri Manwel, jew kien iteftef dik ix-xi ħaġa li kien jieħu miegħu għalih u għat-tifel jew kien jilqa' bil-qalb l-istedina ta' xi familja li kienet tifraħ iddaħħlu għandha biex jaqsam magħha l-ikla ta' nofs in-nhar.

**JIPPROĠETTA U JITLOB IL-PERMESS**

Ir-reġistri tal-Franġiskani tar-Rabat ma fihom kważi xejn fuq Patri Manwel għax hu qatt ma ħabbat lis-superjuri tiegħu b'xi lmenti dwar xi ħaġa li ma kienx jaqbel magħha. Ma nsibu xejn lanqas fl-arkivju provinċjali. Insibu biss il-proposti ta' opri li xtaq jagħmel fil-knisja f'ġieħ il-Madonna tas-Saħħa. Il-proposti tiegħu ma kienx ikollhom magħhom xi rikjesta għall-flus. Patri Manwel, jekk ried li ssir xi opra, kien diġà jaf x'se jagħmel biex jiffinanzjaha. Hu nnifsu kien jiġbor minn hawn u minn hemm biex iħallas l-opri tiegħu. Bħala Franġiskan, hu kien jaf li kien obbligat li jitlob il-permess ħalli jippermettulu jsebbaħ is-Santwarju tal-Madonna. Imma, għalih innifsu, hu qatt ma talab xejn. Qatt ma talab lanqas biex jagħtuh xi żmien ta' mistrieħ. Ix-xewqa tiegħu kienet waħda biss. Kien jitlob lill-Madonna, li tant kien ħadem għaliha, ħalli tagħtih is-saħħa ħalli ma jaqtax mill-ħidma tiegħu.

Hu baqa' jaħdem anke meta, mgħobbi bis-snin, saqajh kienu jitkaxkru ma' l-art biex jimxi, u l-leħen tal-vuċi tiegħu kien intefa kważi għal kollox. Imma t-tbissima qatt ma għebet minn fuq xufftejh.

**IMUR WARA L-MADONNA**

Patri Manwel ma kienx l-uniku wieħed li, tul iż-żmien, ħadem għall-Madonna tas-Saħħa. Imma l-mertu tiegħu żgur li hu akbar minn ta' l-oħrajn kollha. Minbarra li

ħabbat f'eluf ta' djar privati, Patri Manwel daħal f'kull sptar. Ma tantx kellu x-xorti li jara lill-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa jinħareġ minn San Franġisk tar-Rabat ħalli l-Madonna tmur hi nnifisha biex tiltaqa' mal-morda. Xi drabi, b'ferħ kbir ta' Patri Manwel, il-Madonna ħarġet. Hu kien se jtir bil-ferħ meta ra lill-Arċisqof Gonzi jqaddes quddiem il-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa fil-ġonna ta' Sant'Anton, u bl-Ewkaristija jbierek lill-morda. F'xi knisja, bħalma hi dik ta' San Franġisk tal-Belt, fi żmien Patri Manwel, il-Madonna marret ukoll. Dak li jsir lill-Madonna, Patri Manwel kien iqisu magħmul lilu nnifsu.

Lil Malta, Patri Manwel fawwarha bi kwantità ta' santi u kartolini. Imma dan għalih kien ftit wisq. Ried jilħaq lill-barranin ukoll. It-talbiet stampati fuq is-santi, minbarra li narawhom bil-Malti, ġew stampati bl-Ingliż, bit-Taljan, u bil-Franċiż ukoll. Tħabat ma' aġenti ta' oġġetti reliġjużi ħalli jieħdu ħsieb jistampawlu santi anki kbar ħalli jitqiegħdu f'xi gwarnić. Kien jorganizza xi lotterija li r-rebbieħ tagħha kien jingħata kwadru sabiħ tal-Madonna tas-Saħħa. Inbdew kuntatti anki ma' aġenti barranin, ħalli jakkwista domni, kwadri, kalamiti, u kull ħaġa li biha seta' jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna.

**ESPERJENZI TA' ŻOGĦŻITI**

Jiena personalment kelli x-xorti li niltaqa' ma' Patri Manwel, għax hu u jiena ħaddanna l-istess Ordni Franġiskana. Fl-14 ta' Ottubru 1952, jiena u sħabi konna għadna bilkemm irfisna fil-kulleġġ tar-Rabat. Ma kienx għadda ħafna ħin meta smajna l-bieb iħabbat. Morna niftħu u ltqajna, x'uħud minna għall-ewwel darba, ma' patri ta' sebgħin sena. Qabel ma kellimna, hu beda jqassmilna ruxxmata oġġetti li kollha kienu juru fuqhom lill-Madonna tas-Saħħa. Ma tantx fhimna dak li ried jgħidilna. Imma għajnejh kienu donnhom qed jixegħlu. Hu beda jgħidilna: "Speċjalment intom, ħobbu lill-Madonna tas-Saħħa iżjed mill-oħrajn għax sejrin tibdew tgħixu fis-Santwarju tagħha. Itolbuha dak li jkollkom bżonn u, fuq kollox, għallmu lill-oħrajn biex iħobbuha huma wkoll". Ġie li kien joħroġ magħna għal xi passiġġata. Imma l-Madonna kienet imlietlu qalbu, u ma kienx jitkellem ħlief fuqha.

**IL-FERĦ TA' L-INKORONAZZJONI**

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija, kien diffiċli ħafna għal Patri Manwel biex jibqa' sejjer bil-ħidma tiegħu. Imma d-devozzjoni ssoktat tikber. Il-Maltin talbuha iżjed bil-qalb f'dak iż-żmien ta' niket. L-inkoronazzjoni tal-Madonna b'digriet tal-Vatikan bdiet tkun mixtieqa dejjem iżjed. Il-gwerra ntemmet u, fl-1947, waqt Kapitlu Provinċjali, ġie apprezzat pubblikament dak li Patri Manwel kien għamel għall-Madonna tas-Saħħa. Għall-ħidma tiegħu, il-Franġiskani tawh it-titlu ta' *Definitur Perpetwu*. Kien jingħata lil dawk li kien jistħoqqilhom apprezzament għal dak li jkunu għamlu. Patri Manwel tqies patri ta' ħajja qaddisa, eżemplari, u ta' natural tajjeb.

Patri Manwel, fl-1948, qata' xewqtu għaliex, fit-3 ta' Frar 1948, ħareġ mill-Vatikan id-digriet ta' l-inkoronazzjoni. L-Arċisqof Gonzi ġie ddelegat mill-Papa Piju XII għal dak ir-rit. Il-ġurnata magħżula għall-Inkoranazzjoni kienet il-Ħadd, 4 ta' April 1948. Minn dik il-ġurnata, il-knisja franġiskana tar-Rabat sar Santwarju fil-veru sens tal-kelma.

Santwarju jġib miegħu l-impenn li l-fjamma ta' mħabba lejn il-Madonna ma tintefiex. Patri Manwel ma kellux għalfejn isib lil min jimbuttah għax hu baqa' jaħdem għal dan il-għan anki fl-aħħar snin ta' ħajtu. Fost l-oħrajn, hu kien jinqeda bil-Ħabbar ta' Sant'Antnin, li kien il-perjodiku tal-provinċja. Bi ftehim ma' l-editur, hu kien jinkludi fih xi grazzji maqlugħin, il-pellegrinaġġi għas-santwarju, l-ismijiet tat-tfal ippreżentati lill-Madonna, u xi tagħrif li jgħin ħalli d-devozzjoni tikber u tinħass. Fir-reġistri ta' l-amministrazzjoni ta' dak il-perjodiku, insibu mniżżla l-offerta ta' xi żewġ liri li hu kien joffri f'kull ħarġa tar-rivista għall-ispejjeż tal-ftit paġni marbutin mal-Madonna tas-Saħħa.

**1959:MIET IMMA GĦADNA NĦOSSUH ĦAJ**

Patri Manwel ma ntesa qatt għaliex ma nistgħux insemmu lill-Madonna tas-Saħħa mingħajr ma niftakru fih. Hu għex għal ħdax-il sena oħra wara l-inkoronazzjoni tal-Madonna. Baqa' jitħabat biex id-devozzjoni ma tonqosx u biexjikber in-numru ta' dawk li jinkitbu fil-Kongregazzjoni tagħha. Fi żmien il-festa, li hi fit-Tielet Ħadd ta' Ottubru, kien ikun imħasseb minħabba l-inċertezza tat-temp. Kien ifittex lil min iċempillu f'Ħal Luqa ħalli dawk li jagħmlu l-previżjonijiet tat-temp jgħidulu jekk kienx se jkun bnazzi.

Għalih, hu sa l-aħħar baqa' ma jixtieq xejn. Imma qatt ma ried jgħid li s-Santwarju kien armat b'kollox. Ġie li, bil-ġbir tas-soldi, hu tella' somma mhux ħażin ħalli jagħmel opri li jiswew flus. Imma kien hemm ukoll min daħak bih. Ġie li ħallas tat-tajjeb, waqt li dak li għamlulu ma kienx ħlief ta' materjal medjokri. Inżidu wkoll li kien imxennaq ħafna għal xi ħaġa li ma kellhiex tiġi realizzata. Miegħi stess, niftakar kemm kien jgħidli li l-aħħar xewqa ta' ħajtu kienet li s-Santwarju tar-Rabat jarah mgħolli għall-ġieħ tal-Bażilika. Imma għal dan qatt ma sar xejn.

Fi tmiem l-1958, Patri Manwel għalaq 50 sena saċerdot. Fis-6 ta' Jannar 1959, hu ċċelebra fis-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa quddiesa ta' radd il-ħajr. Fuq is-santi li tqassmu, il-Latinista Dun Karm Busuttil għamillu dawn il-kelmiet li qed jinqalbu mil-Latin: *"Lill-Madonna tas-Saħħa, meqjuma fir-Rabat, jitlobha li tħallih jaħdem u tagħtih is-saħħa ħalli jkompli jkabbar il-qima lejha tul iż-żmien kollu li matulu jibqa' jgħix f'din id-dinja"*.

Fil-bidu ta' l-1959, għalkemm kien għadu fuq riġlejh, Patri Manwel kien batut ħafna. Kienet bdiet l-aħħar sena ta' ħajtu. Wara ftit iżjed minn seba' xhur, Patri Manwel Ebejer, is-saċerdot Franġiskan li ħadem iżjed minn kulħadd biex jara lill-Madonna tas-Saħħa maħbuba u meqjuma, għamel il-mewta tat-tajbin, fil-21 ta'Awissu 1959, meta kien għalaq 77 sena.

F'għeluq ix-xahar mill-mewt, il-Franġiskani tar-Rabat fakkru lil dan il-Franġiskan b'quddiesa, u qassmu xi santi. Fuq is-santi nkiteb: *"Patri Manwel Ebejer... reliġjuż osservanti, saċerdot eżemplari, appostlu żelanti tal-Madonna tas-Saħħa. Fit-tixrid tal-qima tagħha, għadda ħajtu kollha"*.

Għalkemm għaddew erbgħin sena mill-mewt, ilkoll għadna niftakru fih. Ismu ma jintesa qatt. Aħna li konna nafuh nitkellmu fuqu ma' dawk li ma kellhomx ix-xorti li jiltaqgħu miegħu. Għal Ħaż-Żebbuġ, Patri Manwel Ebejer hu ta' ġieħ xejn anqas minn dawk il-ħafna oħrajn li f'oqsma differenti naqxu l-isem tagħhom fl-istorja ta' dan il-post għall-patrijottiżmu, għall-għażla tagħhom bħala Isqof, u għal sehemhom fil-qasam artistiku. ■